MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 279/2006

Il-Pulizija
(Spt. A. Cassar)
vs
Godwin Pulis
Norbert Pulis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fit-12 ta' Marzu, 2004 ghall-habta ta' xi 8.00 a.m. quddiem l-ghassa ta' Haz-Zabbar, bil-hsieb li jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom bl-awtorita' taghhom infushom, fixklu lil Suzanne Plumpton u lil Benjamin Cilia fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor u dan billi ppruvaw jifthu l-bibien imsakkra tal-vettura ta' Suzanne Plumpton bin-numru tar-registrazzjoni SUE-079 meta din l-imsemmija vettura kienet tinsab wieqfa quddiem l-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar;

2) talli habbtu bis-sahha fuq il-hgieg tal-bibien tal-imsemmija vettura w ippruvaw jisgassawaha sabiex jiksbu access ghal go l-imsemmija vettura u b'hekk ikkagunaw hsara volontarja, ghalkemm negligibbli, fuq l-istess vettura;
3) uzaw vjolenza sabiex jippruvaw iggieghlu lil kwerelanti jaghmlu, jew li jhallu li jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga cioe' jifthu t-tiskir tal-karozza;
4) ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' WPC 15 C. Gatt u PC 518 A. Degiovanni, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku;
5) heddew u bezzghu lil kwerelanti u ppruvaw ihebbu ghalihom bil-hsieb li jaggreduhom;
6) volontarjament kisru l-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
7) barra dan, Norbert Pulis fit-12 ta' Marzu, 2004, fil-Fgura w Haz-Zabbar, segwa lil kwerelanti bil-vettura tieghu biex jimmolestahom jew jivveshom u aktar saq il-vettura tieghu b'mod perikoluz u negligenti bi ksur tar-regolamenti tas-sewqan billi ssikka w issorpassa l-vettura tal-kwerelanti ghal aktar minn darba bi speed eccessiv u perikoluz u baqa' jsegwihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 251, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9, l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuzi w lliberat lil Norbert Pulis mis-seba' akkuza izda sabithom hatja tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u lliberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett xhur millum. Finalment, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kap. 9 rabtet lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' multa ta' mitt lira ghall-perjodu ta' tnax (12) il-xahar milli b'xi mod jimmolestaw aktar lil Suzanne Plumpton u lil Benjamin Cilia.
Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom pprezentat fit-8 t'Awissu, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni u r-raba' u fil-konfront tal-appellant Norbert Pulis biss ukoll mis-seba akkuza, w tirrevokaha in kwantu

sabet lill-appellanti hatja tat-tielet, il-hames u s-sitt akkuza w b'hekk tilliberahom minn kwalunkwe htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma filli l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabithom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom fuq il-provi prodotti. Mbaghad l-appellanti ghamlu sottomissjonijiet specifici li jirrigwardaw is-sejbien ta' htija tat-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, billi rriferew ghall-provi li tressqu w kif dawn ma kellhomx iwasslu ghas-sejbien ta' htija ta' kull wahda minn dawn l-imputazzjonijiet. Dwar il-hames u s-sitt imputazzjonijiet l-appellanti issollevaw ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-26 t'Ottubru, 2006 li bih l-abbli prosekutur, Dr. Stephen Tonna Lowell iddikjara li l-prosekuzzjoni taderixxi mal-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni w iddikjara li l-Prosekuzzjoni taqbel li t-tielet imputazzjoni ma gietx pruvata. Iddikjara wkoll li jekk stess tirrizulta l-preskrizzjoni f' dan l-istadju, din il-Qorti ghandha tiddeciedi hi stess din l-eccezzjoni bla ma terga' tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi issa li hemm qbil bejn il-partijiet li s-sentenza appellata ghandha tigi modifikata in kwantu sabet lill-appellanti hatja tat-tielet akkuza, u li din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha traskritti, tikkonkorri mall-istess verbal filli din l-akkuza ma tirrizultax pruvata, jibqa' biss il-konsiderazzjoni tal-aggravji dwar il-hames u s-sitt akkuzi. Peress li fir-rigward ta' dawn l-ahhar zewg akkuzi qed tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trimestrali, hu ovvju li din il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tiddisponi minn din l-ecezzjoni.

Illi ma hemmx dubju li s-sitt imputazzjoni w cioe' dik li l-appellanti heddew u bezzghu lill-kwerelanti w ippruvaw ihebbu ghalihom bil-hsieb li jaggreduhom u li s-seba' imputazzjoni cioe'dik li l-appellanti volontarjament kisru l-bon-ordni w l-paci pubblika b' ghajjat u glied, huma reati ta' natura kontravvenzjonali koperti mill-artikoli 339 (1) (d) u (e) u 338 (dd) rispettivament. Konsegwentement, skond l-artikolu 688 (f) tal-Kap.9 dawn iz-zewg imputazzjonijiet ikunu preskritti bl-eghluq ta' tlitt xhur mid-data tal-allegata kommissjoni taghhom.

Mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-incident lamentat allegatament sehh fit-12 ta' Marzu, 2004. Fit-22 ta' Marzu, 2004, l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, ghan-nom ta' Suzanne sive Sue Plumpton u Benjamin Cilia, baghat kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-kwartieri Generali, l-Furjana. Din kienet tikkontjeni tmin imputazzjonijiet (fols 5 u 6). Fis-7 t' April, 2004, l-Ispettur Anthony Cassar iffirma c-citazzjoni bl-akkuzi a fol.1, kif jirrizulta mit-timbru fuq l-istess firma. Din ic-citazzjoni kienet tinkorpora bid-dattilografat tista' tghid *verbatim* l-ewwel sitt imputazzjonijiet biss li kienu kontenuti fil-kwerela.

Mill-verbal registrat a fol. 7 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Anthony Vella jirrizulta li l-appellant Godwin Pulis deher quddiem dik il-Qorti fl-4 t' Ottubru, 2004, izda Dr. Tonio Azzopardi ghall-*parte civile* gibed l-attenzjoni ta' dik il-Qorti li l-akkuzi dedotti kienu jezorbitaw il-kompetenza ta' dik il-Qorti w ghalhekk talab li l-kawza tigi assenjata skond il-ligi bhala kompilazzjoni. Dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri u baghtet l-atti lir-Registratur tal-Qorti Kriminali, sabiex tigi hekk assenjata.

Mit-timbru a fol. 1 tal-process jidher li l-proceduri hadu l-ghamla ta' kumpilazzjoni w din giet registrata fil-11 t' Ottubru, 2004 w appuntata ghall-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2004, meta ma deher hadd u l-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu, 2005. F' dik id-data nqara r-rapport mill-istess Spettur quddiem l-Ewwel Qorti, prezumibilment bhala Qorti Istruttorja. (Fols 3 u 4). F' dan

ir-rapport giet inkluza imputazzjoni ohra kontra Norbert Pulis u cioe' dik li segwa lill-kwerelanti bil-vettura tieghu biex jimmolesthom jew jinvestihom u aktar li saq il-vettura tieghu b' mod perikoluz u negligenti bi ksur tar-regolamenti tas-sewqan. Din iz-zieda tidher li giet ukoll inkorporata fic-citazzjoni originali a fol. 1 bil-linka blu w ghalhekk jidher li x' aktarx saret wara l-hrug tac-citazzjoni originali, ghalkemm ma jirrizultax kif u meta saret u min awtorizzaha.

Fl-istess udjenza tat-22 ta' Marzu, 2005 gie mbaghad verbalizzat hekk :-

"Wara l-intervent ta' Dr.Micallef Stafrace, l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Tonio Azzopardi jaqblu li kwalunkwe proceduri ohrajn diga' istitwiti quddiem Qorti ohra mertu ta' dan l-incident jigu rtirati."

U aktar 'l isfel :-

*"Dr. Micallef Stafrace tiddikjara minn issa illi uhud mill-imputazzjonijiet huma preskritti. Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jirrizervaw li jirrispondu fis-seduta li jmiss."*
*"Il-kawza tibqa' differita ghall-20 ta' Lulju, 2005."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fl-20 ta'Luluu, 2005 il-kawza giet differita ghas-26 ta' Jannar, 2006, b' ordni tal-Qorti, bla ma sar xejn dak in-nhar (fol. 34). Fis-26 ta' Jannar, 2006, il-kawza regghet giet differita ghas-6 t' April, 2006 bla ma rega' sar xejn , fuq ordni tal-Qorti *"minhabba seminar*"(Fol. 35).

Meta l-kawza finalment kompliet tinstema fis-6 t' April, 2006, xehdu diversi Pulizija w l-IspetturCassar u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u d-difiza iddikjarat li m' ghandhiex provi xi tressaq. Il-kawza giet differita ghat-28 t' April, 2006, ghat-trattazzjoni finali. F' din l-udjenza, l-parte civile, li kienet rapprezentata minn Dr. Michael Camilleri, w l-prosekuzzjoni baqghu ma ghamlu ebda risposta (ghallinqas verbalizzata) fir-rigward tal-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni kif kienu rrizervaw li jaghmlu fl-udjenza tat-22 ta’ Marzu, 2005.

Gara’ pero’ li fil-25 t’ April, 2006 il-parte civile Suzanne sive Sue Plumpton ipprezentat rikors (Fol. 53) fejn, wara li ppremettiet li d-difiza kienet issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci provi sabiex tirribatti tali eccezzjoni w li id-dikjarazzjoni li ma kienx ghad hemm provi ohra xi tressaq saret biss mill-Prosekutur u mhux minnha, talbet li l-Ewwel Qorti tirrevoka *“contrario imperio”* id-digriet taghha tas-6 t’ April, 2006, li bieh il-proceduri kienu gew differiti ghat-trattazzjoni sabiex b’ hekk jingiebu l-provi necessarji.

B’ Digriet tas-26 t’ April,2006, l-Ewwel Qorti laqghet din it-talba.

Fit-28 t’ April, 2006, umbaghad l-Ewwel Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jesebixxi kopjia legali tal-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2004 fil-kawzi fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Godwin Pulis” (Seduta ta’ Haz-Zabbar, kawza numru 46) u “Il-Pulizija vs. Norbert Pulis” (seduta ta’ Haz-Zabbar, kawza numru 48) <u>kif ukoll issollecitat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jesebixxi r-riferta tal-imputati ta’ l-istess seduta.</u> Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Mejju, 2006 ghall-provi. (Fol. 59) (Sottolinearta’din il-Qorti).

Din is-saga ma waqfitx hawn pero’, ghax fl-10 ta’ Mejju, 2006, l-imputati, appellanti odjerni, pprezentaw rikors fejn wara li ppremettew li huma kienu gew notifikati bic-citazzjoni mertu ta’ din il-kawza f’ Settembru, 2004, u ghalkemm kien veru li kienu ukoll gew notifikati b’ zewg citazzjonijiet xi zmien qabel, pero’ dawn kienu gew irtirati u di fatti fil-verbal tat-22 ta’ Marzu, 2005 f’ din il-kawza, kien gie registrat li kwalunkwe proceduri ohrajn diga’ istitwiti quddiem Qorti ohra mertu ta’ dan l-incident kienu qed jigu rtirati. Ghalhekk qatt ma setghu jinterrompu l-preskrizzjoni f’ din il-kawza billi dawn kienu proceduri ghal kollox differenti minn dawk odjerni. Ghalhekk talbu r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-26 t’ April, 2006.u l-konferma tad-digriet tas-6 t’ April, 2006 fejn l-Ewwel

Qorti kienet ordnat li l-kawza tigi differita ghat-trattazzjoni finali.

Rinfaccjata b' dar-rikors, l-Ewwel Qorti rrizervat li tipprovdi fis-seduta li kien imiss, u cioe' dik tat-18 ta' Mejju, 2006 (Fol. 63).

F'din l-udjenza (Fols.64 u 64A) xehdet Rita Mangion f'isem ir-Registratur Qrati w Tribunali Kriminali w esebiet kopja legali tal-verbal registrat mill-Qorti tal-Magistrasti (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2004 fil-kawzi kontra l-appellanti rispettivi Godwin u Norbert Pulis. (Dok. RM 1)

Dan il-verbal a fol. 67 juri li kienet saret talba mill-kwerelanti biex isiru ziediet mehtiega fil-komparixxi sabiex tigi taqbel ma l-imputazzjonijiet dedotti fil-kwerela. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-akkuzi kif dedotti f' dawn il-kawzi kienu nhargu mill-Pulizija qabel ma waslet il-kwerela ta'Dr. Tonio Azzopardi.

Gie mbaghad verbalizzat li :-

*"Dr. Micallef Stafrace ghall-imputati u Dr. Joseph Giglio ghall-parte civile jiddikjaraw illi jaqblu li l-verbal tal-10 ta' Mejju, 2004 (Dok. RM) jirrigwarda l-mertu tal-proceduri li finalment astjeniet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali waqt is-seduta tal--4 t' Ottubru, 2004 a fol. 7 tal-process. Il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu."* (Sic!).

Il-kawza giet trattata w thalliet ghas-sentenza. Hekk gie li l-Ewwel Qorti qatt ma pprovdiet dwar ir-rikors fuq imsemmi tal-10 ta' Mejju, 2006. Meta d-difensuri tal-*parte civile* u tal-appellanti ttrattaw il-kawza, ma jidhirx li ghamlu xi riferenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w din il-kwistjoni thalliet sejra mar-rih. Il-kawza mbaghad thalliet ghas-7 ta' Lulju, 2006 ghas-sentenza imma dak in-nhar ma deher hadd u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Lulju, 2006 ghas-sentenza. F'din id-data l-kawza fl-ahhar giet deciza fuq il-mertu minghajr ma giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li – sija pure b' mod alkwantu vag – kienet

giet sollevata mid-difiza sa mill-ewwel dehra quddiem dik il-Qorti,u li ghaliha la l-Prosekuzzjoni w lanqas il-*parte civile* ma rrispondew kif kienu impenjaw ruhom li jaghmlu.

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm jirrizulta li kienu nbdew xi proceduri kontra l-appellanti odjerni in konnessjoni ma dan l-incident quiddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u dan qabel ma l-Pulizija kienet irceviet il-kwerela mill-Avukat Tonio Azzopardi sabiex iressaq lill-akkuzati fuq diversi akkuzi ohra, kif fil-fatt hu ghamel, kif iddikjara l-IspetturCassar fit-trattazzjoni tieghu a fol. 68 tal-process, ma ngabet ebda prova ta' xi notifika ta' kif u meta gew notifikati l-appellanti b' dawn il-proceduri l-ohra, minkejja s-sollecitazzjoni tal-Ewwel Qorti biex proprju isir dan kif fuq intqal. Inoltre, meta bil-verbal fuq citat kien gie dikjarat li dawk il-proceduri gew irtirati, kull procedura fir-rigward kienet giet estinta w ma ghandhiex titqies ghall-fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ta'uhud mill-imputazzjonijiet fil-proceduri godda intentati b' din il-kawza.

Lanqas ma gew prodotti mill-Prosekuzzjoni riferti biex juru meta l-appellanti gew notifikati bl-akkuzi tal-lum, kontenuti fic-citazzjoni odjerna. L-appellanti fir-rikors taghhom tal-10 ta' Mejju, 2006,(Fol.61) kienu qalu li gew notifikati bic-citazzjoni odjerna f' Settembru, 2004. Din l-allegazzjoni ma giet kontradetta minn ebda prova kuntrarja konsistenti fil-produzzjoni tar-riferti relattivi. Jekk dan hu minnu, huwa ovvju li il-hames u s-sitt imputazzjonijiet kienu diga preskritti w kien ilhom hekk preskritti sa mit-12 ta' Gunju, 2004. Il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqitx il-provi tar-riferti relattivi minkejja li kienet giet sollecitata mill-Ewwel Qorti biex taghmel dan bid-digriet fuq citat u ghalhekk din l-eccezzjoni li tidher *prima facie* ben fondata, qatt ma giet ribattuta kif suppost, bl-esebizzjoni tar-riferti pozittivi tal-appellanti li jindikaw li kienet saret notifika entro l-periodu trimestrali tal-preskrizzjoni applikabbli ghaz-zewg imputazzjonijiet in meritu.

Ghalhekk jidher li l-aggravju tal-appellanti li jirrigwarda l-preskrizzjoni ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet hu ben fondat u qed jigi akkolt.

In vista ta' dan mhux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-aggravju l-iehor fil-mertu dwar l-istess hames u sitt imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx liz-zewg appellanti hatja tal-ewwel, it-tieni w r-raba' imputazzjoni w in kwantu ma sabitx lill-appellant Norbert Pulis hati tas-seba' imputazzjoni w minnhom illiberathom u tirrevokaha in kwantu sabet liz-zewg appellanti hatja tat-tielet, il-hames u sitt imputazzjoni billi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni tiddikjara – kif ivverbalizzat l-istess prosekuzzjoni – li din ma tirrizultax pruvata w, fir-rigward tal-hames u sitt imputazzjonijiet, tiddikjara li dawn huma preskritti, kif ukoll tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellanti b' kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlitt xhur a tenur tal-art. 22 tal-Kap.446 u fejn rabtet lill-appellanti b' obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' multa ta' mitt lira ghall-periodu ta' tnax il-xahar milli b'xi mod jimmolestaw aktar lil Suzanne Plumpton u lil Benjamin Cilia w, minnflok, konsegwentement tilliberhom minn dawn it-tlitt imputazzjonijiet u minn kull provvediment taht l-art. 22 tal-Kap. 446 u l-obbligazzjoni kif intqal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------